MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 17/1998/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Dr. Marco Grixti u PL Mario Mifsud Bonnici Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lis-sid jew sidien incerti b'digriet tat-18 t'April 1990.**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 16 ta' Marzu, 1990 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'H'Attard tal-kejl ta' disgha u sebghin metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mill-Lvant ma' Sqaq u min-Nofsinhar ma' proprjeta tal-Kapuccini tal-Floriana huwa ta' erba' mija u disgha u tmenin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm489.80) kif jidher mir-rapport tal-perit O. Caruana

Montaldo A&CE tal-25 ta' Gunju 1985 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi ittra ufficjali tas-26 t'April 1990 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'H'Attard fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici assenjati biex jassistu lill-Bord, l-Perit AIC Godfrey Vella u l-Perit AIC Michael Refalo wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolament tenut kont tal-kwalita' tal-art in kwistjoni, u l-fatt li din tinsab ezatt ma' Triq Notabile H'Attard, ghandu jkun ta' ghoxrin elf u hames mija u erbghin lira (Lm20,540), jigifieri bil-prezz ta' mitejn u sittin lira (Lm260) il-metru kwadru.

Illi l-ammont ta' Lm20,540 fi-valuta maltija illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 47,845.33 (seba u erbghin elf, tmien mija hamsa u erbghin euro u tlieta u tletin centezmu);

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-art fl-ammont ta’ Lm489.80, liema stima tirrazenta l-fierah u l-assurd liema stima ma kienitx accettata mill-intimati nomine;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-kuraturi nominati li titrasferixxu bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut , l-bicca art f’H’Attard tal-kejl ta’ disgha u sebghin metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma’ triq pubblika, mill-Lvant ma’ Sqaq u min-Nofsinhar ma’ proprjeta tal-Kapuccini tal-Floriana versu l-kumpens ta’ **Euro 47,845.33** (seba u erbghin elf, tmien mija hamsa u erbghin euro u tlieta u tletin centezmu. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-28 ta’ April, 2008 fis-2.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------